**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 43**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier (*online*)
Daniel Ablett – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**
Ralph Puli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**43.1 Approvazzjoni Minuti Nru 42**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 42, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 42 ġew approvati b'mod unanimu.

**43.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**43.2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi feraħ lil Jerome Caruana Cilia tal-kariga ġdida tiegħu bħala Membru Parlamentari ġdid fuq is-sitt distrett u rringrazzjah tas-servizz li ta lill-komunita' qormija matul dawn l-għaxar snin bħala Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia rringrazzja lis-Sindki u kunsilliera kollha li ħadem magħhom matul dawn l-għaxar snin, fejn kellu esperjenzi sbieħ ħafna u ħeġġeġ lill-membri jibqgħu magħqudin u dejjem iġibu l-interess ta' Ħal Qormi fil-ħidma tagħhom.

**43.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu talba sabiex is-sala tal-Kunsill jibda tintuża sabiex isiru sessjonijiet ta' AQRA MIEGĦI. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna lid-dipartiment tal-Libreriji jneħħi l-ixkaffar li fadal, sabiex ikun possibli li jsir tindif u s-sala tkun tista' tintuża.

**43.2.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li saret talba mill-Kumitat Festi Esterni sabiex isiru 12-il toqba tal-festa fiz-zona ta' fejn il-Kappella tal-Vitorja. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet fejn qed jiġu mitluba li jsiru dawn it-toqob għaliex ma sar l-ebda permess. Il-Kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni sabiex dawn it-toqob ma jtellfux il-parkeġġi u jkun opportun jekk issir talba formali u tiġi ppreżentata site plan ta' fejn qed jintalbu dawnit-toqob.

**43.2.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li qed ikollu bosta talbiet sabiex isir neuturing ta' qtates li għandna fit-toroq tal-lokalita' u għaldaqstant ippropona s-somma ta' € 800.00 sabiex tintuża għal dan is-servizz.
**Il-Kunsill approva b'mod unanimu.**
.

**43.2.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kif deċiż fis-Seduta preċedenti, l-Kuntratt taż-żamma u tindif ta' ġonna u soft area twaqqaf, wara nuqqasijiet kbar mill-Kuntrattur. Intalbu xi stimi u l-Kunsill irċieva 2 stimi kif ġej:

Antoine Scerri Lot 1 - € 3,300
Natasha Deguara Lot 2 - € 4,700

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li s-sitwazzjoni fil-ġonna qed tiddeġenera ġurnata wara oħra u jaqbel li l-Kunsill joħroġ b'servizz ta' emerġenza sakemm tinħareġ tender ġdida.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li l-istimi ppreżentati jammontaw aktar minn dak mitlub fil-liġi, fir-rigward ta' direct order. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm regoli ċari dwar Direct Order Requests.

## 43.3 TENDERS EVALUATION REPORTS

**43.3.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda r-Rapport tal-Evalwar tat-tenders;

- Service of IT Support Technician for the Ħal Qormi Local Council
- Services for an accountant and accountant technician to the Ħal Qormi Local Council

Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

## 43.4 JUM ĦAL QORMI 2022

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi se jsir salut miż-żewġ għaqdiet tan-Nar, wieħed filgħodu u ieħor filgħaxija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li tinħaraq kaxxa taċ-ċiniżi hekk kif tiġi fi tmiemha s-Serata ta' Ġieħ Ħal Qormi. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet minn fejn qed jiġi propost li tinħaraq din il-kaxxa. Is-Sindku qal li tista' tinħaraq minn fuq il-bejt tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li binja pubblika ma tistax tintuża għal tali attivitajiet, minbarra l-fatt li se tkun 'l bogħod miż-żona ta' fejn se tinżamm is-serata.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ippropona li ssir laqgħa mal-għaqdiet sabiex jaraw hux possibli li dan isir għaliex sabiex tinħaraq kaxxa taċ-ċiniżi, hemm bżonn permessi apposta mill-Pulizija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jsir marċ bis-sehem tat-tlett soċjetajiet mużikali, li jitlaq fis-6.00p.m. minn quddiem il-Kunsill u jibqa' tiela sa Wesgħet Renald Falzon, fejn se tinżamm is-serata. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri jattendu għal kortejo.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li Ġieħ Ħal Qormi 2022 jingħata lil Jesmond Aquilina, li ta servizz lill-komunita' qormija għal 25 sena, bħala Kunsillier, Viċi Sindku u Sindku tal-lokalita'. Dan minbarra li kien ta' servizz f'bosta għaqdiet lokali fosthom fl-Għaqda tan-Nar San Sebastjan u l-Qormi

Football Club bħala Segretarju u Presidenti rispettivament. Barra minhekk, is-Sur Aquilina ilu jokkupa l-kariga ta' President tar-Reġjun Nofsinhar sa mill-2012.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li Ġieħ Ħal Qormi 2022 jingħata lis-Sur Jesmond Aquilina.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li n-nomini Għarfien il-Ħila jingħataw kif ġej:

**Apprezzament Speċjali**

- Is-Sindku Renald Falzon (in absentia)
- Nutar Dott. Antoine Agius (in absentia)

**Għarfien il-Ħila Filantropija**

- ALS Malta
- Ramiro & Friends.

**Servizz lill-Kunsill**

Jerome Caruana Cilia

**Għaqdiet**

- IMPACT
- Pintoninu Kids Club

**Kultura**

- Clive Piscopo
- Alexander Powell

**Servizz lill-komunita'**

- Clyde M.Puli
- Noel Buttiġieġ
- Pawlu tal-Mużew

**Servizz lill-Għaqdiet**

Paul Cuschieri (in absentia)
Joseph Micallef
Adam Borg
George Agius
Salvu Fenech
Charles Borg
Marie Sciberras

43.5 **Festa San Ġorġ 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-ġranet li ġejjin se jibdew jinħarġu l-permessi għall-kiosk/stands fl-okkażjoni tal-festa San Ġorġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill Lokali nfurmat li sa mill-bidu tal-Kunsilli Lokali, kien hemm *policy* li kiosks/stands ma jintramawx fir-rotta tal-purċissjoni u se tkun qed titħaddem l-istess policy.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li kollox għandu jsir kif sar fis-snin passati.

43.6 **Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

**43.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta t-31 ta' Mejju 2022 fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Josef Masini Vento (Dr<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |